

**Brussell, 27 ta' Lulju 2021
(OR. en)**

11072/21

**ECOFIN 777
RELEX 697
FIN 645**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 416 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR ATTIVITÀ ESTERNA TAL-BEI BIL-GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 416 final.

Mehmuż: COM(2021) 416 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.7.2021
COM(2021) 416 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

DWAR ATTIVITÀ ESTERNA TAL-BEI BIL-GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE

1. INTRODUZZJONI

Il-Mandat ta' Self Estern (ELM, External Lending Mandate) mogħti lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) huwa strument importanti li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea (UE) tipprovdi appoġġ għal investimenti f'pajjiżi sħab. Dan huwa bbażat fuq garanzija mir-riżorsi tal-baġit tal-UE li jippermetti lill-BEI jżid is-self tiegħu barra mill-UE bħala appoġġ għall-politiki tal-UE. Il-garanzija tal-UE tkopri istanzi definiti meta l-mutwatarji jonqsu milli jħallsu lura l-finanzjament dovut lill-BEI. Il-garanzija tal-UE għalhekk iżżid il-kapaċità tal-BEI li jgħorr ir-riskju.

Il-bażi ġuridika tal-ELM hija d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE (id-“Deċiżjoni tal-ELM”),¹ li ġiet emendata l-aħħar fl-2018.² F'każ li l-BEI jinvoka l-garanzija tal-UE, isiru pagamenti mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.³

L-ELM jappoġġa l-attività tal-BEI fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar u Pajjiżi Msieħba, fl-Asja, fl-Amerka Latina u fl-Afrika t'Isfel, b'total ta' 64 pajjiż li bħalissa huma eliġibbli. Fil-perjodu attwali tal-ELM (2014–2020), il-baġit ta' garanzija tal-UE sa EUR 32,3 biljun tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI b'impenn li jiġu koperti l-ewwel 65 % tat-telf li jista' jinħoloq fil-portafoll iggarantit. Id-Deċiżjoni tal-ELM tistabbilixxi limiti tal-garanzija għad-diversi reġjuni u sottoreġjuni ġeografiċi.

Ir-rapport annwali preżenti jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE fl-2019.⁴ Dan jagħti wkoll sommarju tal-operazzjonijiet imwettqa mill-BEI mingħajr il-garanzija tal-UE (jiġifieri għar-“riskju proprju” tiegħu) sabiex jagħti stampa komprensiva tal-attività tal-BEI fir-reġjuni koperti mill-ELM.⁵ B'żieda ma' dan, fl-2019 il-Kummissjoni ppubblikat evalwazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Self Estern mill-BEI minn nofs l-2014 sal-aħħar tal-2018⁶.

2. RIŻULTATIEWLENIN

Fl-2019, il-BEI ssottoskriva operazzjonijiet ta' finanzjament b'valur totali ta' EUR 6,3 biljun fir-reġjuni koperti mill-ELM. Minn dan it-total, iktar minn EUR 4,9 biljun tal-operazzjonijiet tal-BEI jaqgħu taħt l-ELM, (jiġifieri huma koperti mill-garanzija tal-UE) u jinvolvu kważi 56

¹ Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea, ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1.

² Id-Deċiżjoni emendatorja (UE) 2018/412 tal-14 ta' Marzu 2018, ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (Verżjoni kodifikata), ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2018/409 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018.

⁴ Dan ir-rapport tħejja skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-ELM.

⁵ Il-BEI bħalissa għandu erba' Faċilitajiet tar-Riskju Proprju fir-reġjuni tal-ELM, jiġifieri l-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni (PAF, Pre-Accession Facility), il-Faċilità tal-Finanzjament tal-Viċinat (NFF, Neighbourhood Financing Facility), il-Faċilità tal-Azzjoni Klimatika u l-Ambjent (CAEF, Climate Action and Environment Facility) u l-Faċilità tal-Proġetti Strateġiċi (SPF, Strategic Projects Facility). Minbarra r-reġjuni tal-ELM, l-aħħar żewġ faċilitajiet ikopru wkoll il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej tal-Istati Membri tal-UE.


⁶ SWD(2019) 333 final u d-dokumenti relatati, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/commission-staff-evaluation-european-investment-banks-external-lending-mandate-2014-18_en.

kuntratt ta' self. L-operazzjonijiet li jifdal huma ffinanzjati mill-faċilitajiet tar-riskju proprju tal-BEI.

Meta mqabbel mal-2018, meta EUR 4,6 biljun biss f'operazzjoni ġew iffirmati taħt l-ELM, il-firem għall-2019 kienu approssimativament 7 % ogħla. B'kuntrast ma' dan, il-volum tal-operazzjonijiet b'riskju proprju tal-BEI fil-pajjiżi tal-ELM naqas bi kważi 2 % għal EUR 1,36 biljun fl-2019.

Iċ-Ċart 1 turi l-evoluzzjoni tas-self taħt l-ELM u l-faċilitajiet tar-riskju proprju bejn l-2017 u l-2019 (ammonti iffirmati, in-nett tal-operazzjonijiet ikkanċellati). Matul dan il-perjodu, medja ta' 72 % tal-finanzjament tal-BEI f'dawn ir-reġjuni bbenefika mill-garanzija tal-UE.⁷

Ċart 1: Evoluzzjoni annwali tal-volumi tas-self tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM



F'konformità mad-Deċiżjoni tal-ELM, in-natura tal-garanzija tal-UE tvarja skont l-operazzjoni ta' finanzjament tal-BEI inkwistjoni:

- *Garanzija komprensiva*, li tkopri r-riskju tal-kreditu, hija pprovduta għal operazzjonijiet ta' finanzjament ma' kontropartijiet tas-settur pubbliku (tipikament għall-iżvilupp tal-infrastruttura) kif ukoll għal self mill-BEI lil banek jew kumpaniji li jibbenefikaw minn garanzija mill-Istat.⁸ EUR 4,3 biljun jew kważi 87 % tal-operazzjonijiet ta' finanzjament iffirmati taħt l-ELM fl-2019 ibbenefikaw mill-garanzija komprensiva.
- Għal *operazzjonijiet oħra tas-settur privat* tingħata garanzija għar-riskju politiku b'kopertura iktar limitata.⁹ Fl-2019, din kopriet operazzjonijiet ta' finanzjament ta' EUR 617 miljun.

⁷ Id-differenzi mal-ammonti ppubblikati f'rapporti preċedenti huma minħabba kanċellazzjonijiet ta' kuntratti.

⁸ Permezz tal-garanzija komprensiva tal-UE, il-BEI jista' jirrinunzja l-primjum tar-riskju li altrimenti jkun jeħtieġ li jinkludi fir-rata tal-imgħax tiegħu. Konsegwentement, il-pajjiżi sħab jew l-istituzzjonijiet/il-kumpaniji tagħhom jistgħu jissellfu mingħand il-BEI bi spejeż ħafna iktar baxxi. Għal analiżi dettaljata, ara SWD (2019) 333, imsemmi fin-nota f'qiegħ il-paġna nur 6, pp. 10-11, 21 u 33-37.

⁹ Il-garanzija għar-riskju politiku tkopri l-ħlas li ma jsirx minħabba l-waqfien tat-trasferiment tal-munita, l-esproprjazzjoni, gwerra jew inkwiet ċivili jew il-ksur ta' kuntratt u ċ-ċaħda sussegwenti ta' ġustizzja. Din ma twassalx għal tnaqqis tal-ipprezzar tar-riskju tal-BEI.

Il-livell kumulattiv ta' żborżi taħt l-ELM 2014-20 laħaq 36 % tal-firem netti fit-tmiem tal-2019 (EUR 8,0 biljun), li żdied minn 33 % fl-2018. Speċjalment fil-każ ta' proġetti tal-infrastruttura, l-iżborżi tal-BEI jseħħu gradwalment u fuq għadd ta' snin¹⁰.

3. OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT

3.1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT ĠODDA TAL-BEI SKONT L-OBJETTIV

Kull operazzjoni taħt l-ELM tikkontribwixxi għal wieħed minn żewġ objettivi “vertikali”: (a) l-iżvilupp tas-settur privat lokali jew (b) l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika. Barra minn hekk, l-istess operazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu wkoll (parzjalment jew kompletament) għall-objettivi “orizzontali” tal-azzjoni klimatika, l-integrazzjoni reġjonali u r-reżiljenza ekonomika fit-tul tar-refuġjati, il-migranti, il-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u l-komunitajiet ta' oriġini.¹¹


kif imsemmi hawn fuq, il-volum totali tal-investimenti tal-BEI li ġew iffirmati fil-qafas tal-ELM fl-2019 ammontaw għal EUR 4,9 biljun. Is-67 % huma previsti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali u ekonomika. Il-bqija, jiġifieri 33 % huwa mistenni li jappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat lokali, prinċipalment permezz tat-titjib fl-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament.

Mill-volum totali tal-operazzjonijiet iffirmati fil-qafas tal-ELM fl-2019, 31 % huwa mmirat li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-azzjoni klimatika, 21 % se jappoġġa l-integrazzjoni reġjonali, u 17 % se jikkontribwixxi għall-objettiv tar-reżiljenza ekonomika fit-tul (ara Ċart 2).

¹⁰ Għal analiżi iktar dettaljata dwar l-iżborżi ara l-evalwazzjoni reċenti tal-persunal tal-Kummissjoni, SWD (2019) 333, pp. 28 – 30.

¹¹ L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-ELM.

Ċart 2: Kontribuzzjoni għall-oġettivi tal-ELM fl-2019 (biljun EUR)



Nota: Proġett wieħed jista' jikkontribwixxi għal iktar minn oġettiv wieħed tal-ELM. L-oġettivi tal-Azzjoni Klimatika, tal-Integrazzjoni Reġjonali u tar-Reżiljenza Ekonomika fit-Tul huma oġettivi trasversali (orizzontali) li japplikaw għall-proġetti kollha u b'hekk jikkoinċidu mat-tejn l-oħra. Il-volumi tal-firēm għall-Iżvilupp tas-Settur Privat Lokali u għall-Infrastruttura Ekonomika u Soċjali mgħoddija flimkien jagħtu l-volum totali ffirmat f'sena.

L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs

Il-BEI sstoskriva EUR 1,8 biljun ta' operazzjonijiet fir-reġjun tal-ELM li jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur privat lokali fl-2019, li minnhom EUR 1,6 biljun huma taħt l-ELM. L-istrument ewlieni ta' self użat kien linji ta' kreditu għal self misluf lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, b'EUR 1,51 biljun f'kuntratti ffirmati għal disa' linji ta' kreditu għal intermedjarji finanzjarji lokali biex ikunu jistgħu jmorru lil hinn fl-indirizzar tal-ħtiġijiet finanzjarji ta' dan is-segment tas-suq. Fl-2019 ġew appoġġati wkoll ħames proġetti ġodda ta' mikrofinanzjament¹² u erba' ta' self dirett lill-kumpaniji.

Il-finanzjament tal-ekwità jinvolve volumi iżgħar u huwa aktar riskjuż min-natura tiegħu. EUR 94 miljun ġew iffirmati fl-2019 għal 8 fond ta' ekwità ġdid. Żewġ fondi jiffukaw fuq l-appoġġ ta' kumpaniji b'potenzjal għoli ta' tkabbir u l-iżvilupp tas-settur privat lokali fil-Viċinat tan-Nofsinhar, filwaqt li s-sitta l-oħra huma transreġjonali u jiffukaw fuq l-enerġija rinnovabbli u investimenti ekoloġiċi oħra.

L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika

¹² Fil-Libanu, it-Tuneżija, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, il-Georgia u l-Kazakhstan.

L-operazzjonijiet ta' finanzjament li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika fir-reġjuni tal-ELM ammontaw għal EUR 4,4 biljun ffirmati mill-BEI fl-2019, li minnhom EUR 3,2 biljun jaqgħu taħt il-garanzija tal-UE. Is-setturi ewlenin ikkonċernati kienu l-enerġija, it-trasport u l-ilma/in-netwerk tad-drenaġġ. Il-proġetti tat-trasport reġgħu ffukaw din is-sena, b'12-il proġett li jammontaw għal ftit aktar minn 50 % tal-firem totali skont il-volum. Xi wħud iffukaw fuq it-trasport sostenibbli (bħal proġetti tal-metro urban f'Pune u Bhopal fl-Indja, u fil-Kajr fl-Eġittu), oħrajn kienu mmirati lejn il-konnettività u l-integrazzjoni reġjonali fil-pajjiżi tal-Viċinat u fil-Balkani tal-Punent.

Is-setturi ewlenin l-oħra rappreżentati huma l-enerġija u l-ilma, is-sanità u l-iskart solidu. Il-proġetti tal-enerġija kienu ffukati fuq it-tisħiħ tas-sostenibbiltà fis-settur, l-aktar permezz ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq skala iżgħar (jiġifieri permezz ta' self qafas u parteċipazzjoni f'6 fondi). Fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, kien hemm fokus fuq it-titjib tal-ġestjoni tal-ilma mormi fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Barra minn hekk, proġett għat-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart solidu fil-Moldova kien ukoll fost dawk iffinanzjati.

Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

EUR 2,7biljun f'self iffirmit fl-2019 fir-reġjuni tal-ELM jappoġġaw il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, li minnhom kważi EUR 1,5 biljun taħt il-garanzija tal-UE.¹³ Fi tmiem l-2019, il-proporzjon kumulattiv tal-azzjoni klimatika fil-perjodu attwali tal-ELM kien ta' aktar minn 35 % tal-firem netti¹⁴, li qabeż il-mira minima ta' 25 % stabbilita mid-Deċizzjoni ELM u konsistenti mal-mira ta' mill-inqas 35 % tal-operazzjonijiet ta' finanzjament totali tal-BEI f'ekonomiji emerġenti u pajjiżi li qed jiżviluppaw barra mill-Unjoni sal-2020.

L-ikbar kontribuzzjoni għall-oġettiv tal-azzjoni klimatika kienet mit-trasport b'emissjonijiet iktar baxxi tal-karbonju u minn investimenti fl-enerġija rinnovabbli. L-adattament għat-tibdil fil-klima irrappreżenta 8 % tal-finanzjament tal-BEI relatat mal-klima fir-reġjuni tal-ELM. Fl-2019, il-BEI adotta Politika ta' Self Enerġetiku ġdida. B'konsegwenza ta' dan, barra mill-UE, il-BEI se jappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija li huma b'livell baxx ta' karbonju, effiċjenti u affidabbli, u li jtejbu l-aċċess għal enerġija moderna u affordabbli. Barra minn hekk, u f'konformità mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU li jfittxu li jirduppjaw ir-rata globali ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, il-BEI ser japplika barra mill-UE l-istess prinċipju bħal fi ħdan l-UE. Bħala parti mill-impenn tiegħu għal tkabbir inklużiv u sostenibbli, il-BEI se jkompli jappoġġa proġetti tal-enerġija li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli.

L-integrazzjoni reġjonali

Il-firem totali tal-BEI fl-2019 għall-oġettiv ta' integrazzjoni reġjonali fir-reġjuni tal-ELM kienu ta' EUR 1,1 biljun, li minnhom EUR 1,0 biljun taħt il-garanzija tal-UE. L-attività fil-Viċinat tal-Lvant kompliet bi proġetti kbar ta' konnettività tat-toroq fl-Ukrajna u fil-Georgia, filwaqt li proġetti oħra tat-toroq fis-Serbja u fil-Marokk appoġġaw ukoll l-integrazzjoni

¹³ F'ħafna każijiet, parti biss minn proġett tikkontribwixxi għall-oġettiv tat-tibdil fil-klima u għalhekk proporzjon biss mit-total tas-self għal dak il-proġett jiġi rrapportat bħala self li jikkontribwixxi għal dan il-għan.

¹⁴ Iċ-ċifra korrisonendenti għall-2019 kienet ta' 31 %.

reġjonali. Fil-Balkani tal-Punent, il-Programm tal-Edukazzjoni tal-Montenegro appoġġa l-integrazzjoni reġjonali billi indirizza n-nuqqas ta' investiment u l-allokazzjoni fqira tar-riżorsi fis-settur edukattiv, it-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni f'żoni remoti u l-armonizzazzjoni tal-istandards, u b'hekk ikkontribwixxa għat-tkabbir ekonomiku reġjonali u l-koeżjoni soċjali. Barra minn hekk, is-Sħubija għall-Iżvilupp Lokali fis-Serbja hija mistennija li tgħolli l-kwalità tal-infrastruttura u s-servizzi muniċipali f'xi wħud mill-ifqar żoni tal-pajjiż, filwaqt li tappoġġa l-allinjament mal-istandards tal-UE u b'hekk tgħin lill-pajjiż jissodisfa l-kriterji tal-adeżjoni mal-UE.

Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika

F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea bi tweġiba għal talba mill-Kunsill Ewropew għal inizjattiva speċifika mmirata lejn il-mobilizzazzjoni rapida ta' finanzjament addizzjonali b'appoġġ għat-tkabbir, l-infrastruttura vitali u l-koeżjoni soċjali fir-reġjun tal-Mediterran u l-Balkani tal-Punent, l-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika (ERI) tnediet fl-2016 bħala kontribut għar-rispons tal-Ewropa għall-isfida tal-migrazzjoni u tar-refuġjati.¹⁵ L-ERI hija parti mir-rispons konġunt tal-Ewropa għall-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati, b'enfasi fuq l-indirizzar tal-kawżi aktar fit-tul tal-migrazzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatti fit-tul tax-xokkijiet u l-kriżijiet. Għalhekk, l-iżgurar ta' koordinazzjoni u komplementarjetà mill-qrib ma' inizjattivi oħra tal-UE huwa prijorità ewlenija. Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-ELM li tlestiet fl-2018, ġie introdott objettiv addizzjonali ta' reżiljenza ekonomika fit-tul fid-Deċiżjoni tal-ELM. Barra minn hekk, EUR 1,4 biljun ġew assenjati għal investimenti tas-settur pubbliku li jikkontribwixxu għall-objettiv tar-reżiljenza, u nħoloq "Mandat Privat tal-ERI" speċifiku ta' EUR 2,3 biljun biex jiggarantixxi l-investimenti tas-settur privat li jappoġġaw ir-reżiljenza ekonomika fit-tul. Il-mandat Privat tal-ERI jipprovdi lill-BEI kopertura ta' garanzija komprensiva, li tippermettilu jwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament li jinvolvu riskju oġġla.¹⁶

Sa tmiem l-2019, il-BEI approva total ta' EUR 5.6 biljun f'operazzjonijiet li jirrispondu għall-objettivi tal-ERI, li minnhom EUR 819 miljun ġew iffirmati fl-2019. Madwar nofs dan il-volum kopra linji ta' kreditu (prinċipalment għal self lill-SMEs), madwar 15 % ta' investimenti fl-ilma jew fid-drenaġġ u madwar 11 % investimenti fit-trasport. Aktar minn żewġ terzi tal-finanzjament iffirmat jimmiraw is-settur privat, u b'hekk jipprovdu aktar reżiljenza ekonomika speċjalment għall-SMEs. Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament iffirmat li fadal jimmira lejn l-infrastruttura li tippermetti l-forniment ta' servizzi bażiċi bħall-aċċess għall-ilma nadif u s-sanità, il-ġestjoni tal-iskart u l-elettriku, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, it-trasport lokali u s-servizzi urbani, kemm għar-refuġjati kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti.

3.2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-FINANZJAMENT TAL-BEI SKONT IR-REĠJUN U S-SETTUR

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-volum tal-finanzjament tal-BEI fl-2019 fir-reġjuni koperti mill-ELM, inklużi dawk b'garanzija tal-UE u dawk iffinanzjati taħt il-faċilitajiet tar-riskju proprju.

¹⁵ <https://www.eib.org/en/projects/initiatives/resilience-initiative/index.htm>

¹⁶ Il-BEI jħallas lill-UE għall-garanzija baġitarja fil-qafas tal-Mandat Privat tal-ERI billi jgħaddi d-dħul fuq dawn l-operazzjonijiet relatat mar-riskju lill-UE.

Tabella 1: Operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2019 fir-reġjuni tal-ELM (wara li jitnaqqsu l-kanċellazzjonijiet)

Reġjun (EUR miljun)	Operazzjonijiet b'garanzija tal-UE			Faċilitajiet riskju propriu BEI/ fondi parti terza	Total
	Garanzija komprensiva	Garanzija ta' riskju politiku	Total ELM		
Pre-Adeżjoni	390	50	440	60	500
Viċinat tan-Nofsinhar	2.203	25	2.228	75	2.303
Ewropa tal-Lvant, tan-Nofsinhar. Il-Kawkażu u r-Russia	1096	180	1276	19	1295
L-Asja (eskl. L-Asja Ċentrali)	205		205	1007	1212
L-Asja Ċentrali	30	12	42	15	57
L-Amerika Latina	380	250	630	187	817
L-Afrika t'Isfel		100	100		100
Total	4.304	617	4.922	1.364	6.285

Mit-total ta' EUR 7,7 biljun ta' operazzjonijiet barra mill-UE (inklużi l-pajjiżi AKP, il-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej kif ukoll l-istati tal-EFTA) fl-2019, ġew iffirmati EUR 6.3 biljun fir-reġjuni tal-ELM. Bejn wieħed u ieħor EUR 4,1 biljun ġew iffirmati fil-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni u tal-Viċinat (kemm fin-Nofsinhar kif ukoll fil-Lvant). EUR 2,2 biljun ġew iffirmati fl-Asja, fl-Asja Ċentrali, fl-Amerika Latina u fl-Afrika t'Isfel.

Meta mqabbel mal-2018, il-volum totali tal-finanzjament tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM żdied b' 4,7 % fl-2019, l-aktar minħabba żieda fl-attività fis-sottoreġjun tal-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u r-Russia u s-sottoreġjun tal-Mediterran u dak tal-Mediterran.

Tabella 2: Firem netti kull sena u firem netti kumulattivi meta mqabbla mal-limiti massimi tal-garanzija tal-ELM għas-snin 2014-20 (id-Deċiżjoni 466/2014/UE kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412)

Firem netti, EURm	2014 (H2)	2015	2016	2017	2018	2019	2014 (H2)-	Rata ta' użu
Pre-Adeżjoni	200	906	566	170	1.142	241	3.224	44%
Viċinat tan-Nofsinhar	369	726	1.299	1.168	1.367	1.609	6.537	64%
Ewropa tal-Lvant, tan-Nofsinhar. Il-Kawkażu u r-Russia	975	1.401	1.472	657	632	1.276	6.413	96%
L-Asja (eskl. L-Asja Ċentrali)	45	433	45	118	205	205	1.051	90%
L-Asja Ċentrali	70	70	20	22		42	224	100%
L-Amerika Latina	219	468	319	362	347	630	2.346	87%
L-Afrika t'Isfel		150		50	70	100	370	80%
Mandat Pubbliku ERI					522	679	1.201	86%
Mandat Private ERI*				612	325	140	1.076	47%
Total	1.878	4.154	3.720	3.159	4.610	4.922	22.442	69%

* Il-Mandat Privat tal-ERI jkopri l-Balkani tal-Punent u r-reġjun tal-Mediterran.

Fl-aħħar tal-2019, il-firem kumulattivi fil-qafas tal-ELM għas-snin 2014-19, bi tnaqqis tal-kanċellazzjonijiet, laħqu madwar EUR 22,4-il biljun. F'termini ta' firem netti, ir-rata tal-użu kumulattiva tal-ELM kienet 69 % tal-limitu massimu globali tal-garanzija.

L-inqas rata tal-użu tal-garanzija tal-UE hija osservata fir-reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni. Dan huwa prinċipalment dovut għat-tnaqqis fir-ritmu tal-operazzjonijiet tal-BEI fit-Turkija fid-dawl tal-iżviluppi politiċi mill-2016 'l hawn. Rata ta' utilizzazzjoni aktar baxxa mill-medja tista' tiġi osservata wkoll fil-Viċinat tan-Nofsinhar fejn il-BEI jkompli jiġġudika l-ambjent operattiv ġenerali bħala wieħed ta' sfida, parzjalment minħabba l-instabbiltà politika, id-dejn pubbliku li qed jikber u l-isparzu fiskali mnaqqas f'xi pajjiżi. Il-BEI jsemmi wkoll kapaċità u kapaċità dgħajfa tal-promoturi bħala fattur li jikkomplika.

L-ogħla rati tal-użu, għall-inqas f'termini ta' firem, ġew irrekordjata fl-Asja Ċentrali u fil-Viċinat tal-Lvant.

Tabella 3: Distribuzzjoni tas-setturi tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fir-reġjuni tal-ELM fl-2019 taħt il-garanzija tal-UE

Settur / reġjun (EUR miljun)	Pre-Adeżjoni	Viċinat tan-Nofsinhar	Ewropa tal-Lvant, tan-Nofsinhar, Il-Kawkażu u r-Russia	L-Asja	L-Asja Ċentrali	L-Amerika Latina	L-Afrika t'Isfel	Total	Qasam tat-Total
Trasport	100	576	814	152				1.642	33%
Linji ta' kreditu	50	1000	196		12	135	100	1.493	30%
Ilma, drenaġġ	194	382	66	54		145		841	17%
Enerġija		217	84		30	350		681	14%
Industrija	50	22	38					110	2%
Agrikultura, sajd, forestrija		25	26					51	1%
Żvilupp urban	17	6	27					50	1%
Skart solidu			25					25	0,5%
Edukazzjoni	18							18	0,4%
Infrastruttura kombinata	11							11	0,2%
Total	440	2.228	1.276	205	42	630	100	4.922	100%

Meta wieħed iħares speċifikament lejn il-Mandat Privat tal-ERI, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-BEI (ibbażata fuq firem netti) laħqet 47 % sa tmiem l-2019.

Fir-rigward tad-distribuzzjoni settorjali tal-operazzjonijiet tal-ELM fl-2019, l-ogħla livell huwa okkupat mis-settur tat-trasport li jirrappreżenta 33 % tal-firem totali. Il-parti l-kbira tal-operazzjonijiet tal-ELM jikkonsistu f'investimenti fl-infrastruttura, prinċipalment fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u tal-ilma/tan-netwerk tad-drenaġġ.

3.3. IMPATT U VALUR MIŻJUD TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-BEI

Fl-evalwazzjoni tagħha tal-13 ta' Settembru 2019,¹⁷ il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-impatt u l-valur miżjud tal-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Self Estern mill-BEI. Il-paragrafi ta' hawn taħt jirriflettu l-evalwazzjoni tal-BEI stess tal-impatt tal-operazzjonijiet tiegħu, kif evalwati skont l-għodda tal-kejl tar-riżultati tal-BEI.

Il-BEI isegwi r-riżultati u l-impatt mistennija tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tagħha permezz tar-“Result Measurement Framework” (ReM), li tnieda fl-2012. Fl-istadju ta' valutazzjoni, jiġu identifikati l-indikaturi tar-riżultati b'xenarji ta' referenza u miri li jbassru r-riżultati ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija. Il-kisbiet fid-dawl ta' dawn l-indikaturi tal-prestazzjoni jiġu mmonitorjati matul haġġet il-proġett kollu u jiġu rrapportati fi stadji diversi: meta jitlesti l-proġett, u tliet snin wara li jitlesti l-proġett (“wara t-tlestija”) fil-każ ta' operazzjonijiet diretti; fi tmiem il-perjodu tal-investment u fi tmiem il-ħajja tal-fondi ta' ekwità privata; u fl-aħħar tal-perjodu ta' allokkazzjoni għal-linji ta' kreditu. Il-maġġoranza tal-operazzjonijiet tal-BEI taħt l-ELM iservu biex jiffinanzjaw investimenti fl-infrastruttura, li tipikament jieħdu ħafna snin biex jitlestew. Għalhekk, id-*data* dwar ir-riżultati u l-impatti reali miksuba bl-appoġġ tal-garanzija baġitarja tal-UE normalment issir disponibbli b'dewmien konsiderevoli ta' żmien.

F'konformità mal-qafas tal-ReM, il-proġetti jiġu kklassifikati mill-BEI skont tliet “pilastru”:


- i. Il-Pilastru 1 jikklassifika l-kontribuzzjoni mistennija għall-prijoritajiet iet tal-UE u tal-pajjiżi msieħba kif ukoll l-eliġibbiltà skont l-oġġettivi tal-mandat tal-BEI. Dan jgħin biex tinftiehem il-loġika ta' intervent tal-BEI fid-dawl tal-*impatti* mistennija tal-proġett.
- ii. Il-Pilastru 2 jikklassifika l-kwalità u s-solidità tal-operazzjoni, abbażi tal-*outputs*, *tal-eżiti* u *tar-riżultati mistennija*.
- iii. Il-Pilastru 3 jikklassifika l-kontribuzzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja mistennija (il-valur miżjud) li l-BEI jipprovdi għall-proġett, lil hinn mill-alternattiva tas-suq. Dan jgħin biex tiġi vvalutata l-loġika ta' intervent fil-livell tal-*input* tal-BEI għall-proġett.

Taħt l-ELM u l-faċilitajiet ta' riskju proprju tal-BEI, il-BEI ffirmat l-ewwel kuntratt ta' finanzjament fir-rigward ta' 66 proġett fl-2019. Il-BEI kklassifika 65 minn dawn it-66 proġett għdid mill-inqas “sinifikanti” taħt il-Pilastru 1 tal-qafas tar-ReM, li jfisser li huma meqjusa konformi mal-oġġettivi tal-ELM u jagħtu kontribut għoli għall-oġġettivi tal-iżvilupp nazzjonali jew dawn tal-UE u kontribut moderat lill-ieħor. Għal 42 proġett il-BEI kklassifika bħala “għolja” il-kontribuzzjoni tagħhom għall-prijoritajiet tal-UE kif ukoll għall-oġġettivi tal-iżvilupp nazzjonali.

¹⁷ https://ec.europa.eu/info/commission-staff-evaluation-european-investment-banks-external-lending-mandate-2014-18_en.

Il-klassifikazzjoni tal-Pilastru 2 hija bbażata fuq is-solidità tal-proġett, is-sostenibbiltà finanzjarja u ekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali. Fil-każ ta' proġetti tal-infrastruttura, ħames proġetti ġodda ffirmati fl-2019 ġew ikklassifikati bħala “eċċellenti” u 57 kienu kklassifikati “tajjeb” mill-BEI fil-Pilastru 2, b'rata ta' rendiment ekonomiku medju bejn 1-10 % u 1-15 %. Il-BEI kklassifika erba' proġetti bħala “aċċettabbli”, spiss minħabba ambjent ta' riskju għoli jew dgħufijiet tal-promotur.

Ċart 3: valutazzjonijiet ReM tal-BEI għal kull pilastru tal-operazzjonijiet ġodda ffirmati fl-2019 fir-reġjuni koperti mill-ELM



Fil-Pilastru 3, il-BEI kklassifika l-kontribuzzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja mistennija tiegħu għal 61 proġett bħala “għolja” jew “sinifikanti”, speċjalment għat-tul tal-perjodu ta' maturità pprovdut, li jaqbeż dak li huwa disponibbli fis-swieq lokali.

Malli jimmatra r-Results Measurement Framework tal-BEI, bil-mod il-mod tibda ssir disponibbli wkoll data dwar ir-riżultati li fil-fatt inkisbu f'xi operazzjonijiet fejn l-aspettattivi kienu ġew ifformulati permezz tal-ReM kif ġie mniedi fl-2012. Għall-2019, il-BEI rrapporta riżultati miksuba għal 18 operazzjoni fis-settur finanzjarju (linji ta' kreditu) — 10 fit-Turkija, 3 fl-Eġittu, 2 kull wiehied fil-Montenegro u s-Serbja u 1 fit-Tuneżija. Taħt dawn, il-banek imsieħba estendew EUR 2,3 biljun permezz ta' 5,531 self b'kollox. Minn dawn, 5,202 selfa kienu ta' benefiċċju għall-SMEs u 329 kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja. Il-perjodu ta' maturità medju tas-self mogħti lill-benefiċjarji finali (ippeżat skont id-daqs tas-self) kien 4,4 snin. Il-kumpaniji benefiċjarji finali impjegaw madwar 266,000 persuna b'kollox u l-kumpanija benefiċjarja medja kienet “żgħira”, b'48 impjegat.

3.4 INVOKAZZJONI TAL-GARANZIJA TAL-UE

Mill-2012 sal-2019 il-BEI sejjaħ total ta' EUR 476 miljun, li minnhom ftit inqas minn EUR 55 miljun fl-2019. L-ammont tal-kapital residwu potenzjalment eżerċitabbli kien ta' EUR 161 miljun fi tmiem l-2019¹⁸. Fl-2019, il-BEI għamel bosta sejħiet ġodda taħt il-Garanzija tal-UE bħala konsegwenza tal-ammonti tardivi b'rabta mas-self sovrani Sirjan. L-isforzi biex jiġu rkuprati l-ammonti tardivi ma rnexxewx sa issa. Il-BEI rrikorra għall-qrati rilevanti biex jippreserva l-pretensjonijiet tal-UE fuq l-ammonti li tafu s-Sirja¹⁹.

Il-BEI appella għall-Garanzija ta' Riskju Politiku f'Ġunju 2016 għas-self għal *Aéroport Enfidha* fit-Tuneżija. Id-diskussjonijiet sussegwenti bejn il-BEI u l-Kummissjoni rriżultaw fi ftehim dwar it-trattament ta' din is-sejħa ta' garanzija. Fil-qosor, il-partijiet qablu li jaqsmu b'mod ugwali l-iskopertura pendenti skont il-ftehim tas-self.²⁰ Fl-2019, il-mutwatarju, l-azzjonisti tiegħu, is-selliefa u l-Awtoritajiet Tuneżini laħqu ftehim ta' ristrutturar, li huwa mistenni li jsir effettiv matul l-2020. L-ffirmar tal-ftehim ta' ristrutturar f'Diċembru 2019 wassal għal pagament ta' madwar EUR 1, miljun, l-ewwel wieħed f'erba' snin. F'konformità mal-ftehim bejn il-BEI u l-Kummissjoni, nofs l-ammont riċevut ġie rimborżat lill-Kummissjoni f'Jannar 2020.

4. KOOPERAZZJONI TAL-BEI MA' SĦAB OĦRA

4.1 KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI

Il-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-ELM isseħħ fil-kuntast ta' sħubija usa' bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, inklużi l-faċilitajiet ta' taħlit tal-UE, pereżempju l-Pjattaforma ta' Investiment tal-Viċinat (PIN), il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF) u l-Assistenza Teknika tal-ERI (ERI TA), li jappoġġaw l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp barra mill-UE.

Il-BEI kompla jibni fuq il-faċilitajiet, jiġifieri finanzjament konċessjonali mir-riżorsi tal-baġit tal-UE, insostenn tat-tnejjija u/jew tal-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-BEI. Fl-2019, il-BEI approva 22 għotja ġdida ffinanzjati b'mod sħiħ jew parzjali mill-baġit tal-UE b'total ta' EUR 226 miljun għall-implimentazzjoni mill-BEI fir-reġjuni tal-ELM. Minn dawn, EUR 37,6 miljun kienu għal Assistenza Teknika (AT), EUR 148,5 miljun għal Għotjiet ta' Investiment u EUR 40,1 miljun għal Strumenti Finanzjarji. Barra minn hekk, ġew approvati 22 operazzjoni tal-ERI TA għal ammont totali ta' EUR 34,6 miljun. Sadanittant, 21 proġett tal-BEI ffirmati fl-2019 fir-reġjuni tal-ELM ibbenefikaw, jew se jibbenefikaw, minn dawk l-għotjiet li jew kienu ffinanzjati direttament mir-riżorsi proprji tal-BEI, bħall-ERI TA, jew implimentati mill-BEI u ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-UE.

Il-BEI huwa wkoll wieħed mis-sħab ta' implimentazzjoni għall-garanzija l-ġdida tal-UE li tiġi offruta permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD). L-ELM u l-EFSD huma pjuttost immirati lejn tipi ta' prodotti, mutwatarji u żoni ġeografiċi differenti.

¹⁸ L-ammonti huma rrapportati fl-ekwivalenti tal-EUR fil-31 ta' Diċembru 2019 għal skopijiet indikattivi biss. Uħud mit-talbiet għal ħlas ta' garanzija jirreferu għal ammonti dovuti f'muniti oħra.

¹⁹ B'mod parallel, il-BEI segwa proċedimenti legali kontra s-Sirja mnedija fl-2017. Il-Qorti Superjuri Ingliża (fis-29 ta' Ġunju 2018) u l-Qorti Ġenerali/QĠUE (fis-6 ta' Ġunju 2019) iddeċidew favur l-għoti lill-UE ta' sentenza sommarja li tammetti l-pretensjonijiet kollha tal-UE kontra s-Sirja fir-rigward tas-somom pendenti dovuti taħt self li sar mill-BEI lis-Sirja saż-żmien tas-sottomissjoni tal-pretensjonijiet.

²⁰ Il-ftehim ġie iffirmit fit-8 ta' Diċembru 2017.

Pereżempju, l-EFSD ma jkoprix il-Balkani tal-Punent, filwaqt li l-ELM ma jkoprix partijiet kbar tal-Afrika. Barra minn hekk, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-garanziji tal-UE forniti fil-qafas tal-EFSD huwa differenti mill-garanzija ta' seba' snin ipprovduta bil-quddiem lill-BEI fil-qafas tal-ELM.

F'Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi Strument ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) mill-2021 u li ġġedded il-forniment ta' garanziji baġitarji tal-UE għall-investment barra mill-UE.²¹ L-approċċ għal wara l-2020 huwa bbażat fuq il-kunċett ta' "arkitettura miftuħa", fejn l-istituzzjonijiet finanzjarji sħab għandhom jibbenefikaw mill-garanzija tal-UE bbażata fuq l-għarfien espert rispettiv tagħhom, biex jinkiseb l-oġġla impatt ta' żvilupp għall-UE fil-prattika. Il-BEI jibqa' sieħeb ewlieni għall-finanzjament tal-investimenti barra mill-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' proġetti ta' investment fis-settur pubbliku, iżda għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra jikkwalifikaw ukoll għal garanziji tal-UE.²² L-NDICI jipprevedi tmexxija politika b'saħħitha mill-UE u koordinazzjoni msaħħa mal-istituzzjonijiet finanzjarji li jservu bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Saru diskussjonijiet tekniċi bejn il-Kummissjoni u l-BEI biex jiġu esplorati modalitajiet possibbli għall-garanziji ta' wara l-2020 li jistgħu jiġu pprovduti mill-UE lill-BEI.

4.2. KOOPERAZZJONI MAL-OMBUDSMAN EWROPEW

Il-Memorandum ta' Qbil iffirmit bejn il-BEI u l-Ombudsman Ewropew fl-2008 jistabbilixxi l-bażi għaż-żewġ stadji tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI. (EIB-CM). L-ilmenti l-ewwel jiġu ttrattati permezz tal-mekkaniżmu intern tal-EIB-CM qabel ma possibbilment jiġu eżaminati mill-Ombudsman. Il-BEI aġġorna l-politika tiegħu b'rabta mal-mekkaniżmu tal-ilmenti f'Novembru tal-2018.²³ Matul l-2019, l-Ombudsman rċieva lment wieħed relatat mal-attivitajiet tal-BEI fir-Reġjuni tal-ELM.

Fir-rigward tal-istadju intern tal-EIB-CM, in-numru ta' lmenti rreġistrati ġodda b'rabta ma' proġetti fir-reġjuni tal-ELM naqsu minn 19 fl-2018 għal 15 fl-2019. Minn dawn, 11 kienu relatati ma' kwistjonijiet ambjentali u soċjali, 3 ma' aspetti ta' governanza tal-operazzjonijiet ta' finanzjament, u 1 għal aċċess ta' informazzjoni. Matul l-2019 l-EIB-CM għalaq ukoll 15-il każ fir-reġjuni tal-ELM: 4 fil-Bożnija-Herzegovina, 4 fit-Tuneżija, 2 fis-Serbja, 1 fl-Indja, 1 fil-Kosta Rika, 1 fl-Ukrajna, 1 fil-Panama u 1 każ b'diversi lokalitajiet.²⁴ L-eżitu ta' dawn l-ilmenti ttrattati mill-EIB-CM varja minn "allegazzjonijiet mhux fondati" (7), "finanzjament irtirat mill-BEI" (3), "soluzzjoni amikevoli" (1), "allegazzjonijiet fondati" (1), "talba ta' finanzjament irtirata mill-promotur" (1) u "oqsma għal titjib irrakkomandati" (2).

²¹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2018) 460 final tal-14 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

²² Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 "Lejn arkitettura finanzjarja aktar effiċjenti għall-investment barra mill-Unjoni Ewropea", COM(2018) 644 final.

²³ <http://www.eib.org/en/infocentre/publications/all/complaints-mechanism-policy.htm>


²⁴ Il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, l-Afganistan u l-Pakistan.

4.3. KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

Il-kooperazzjoni tal-BEI ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs, International Financial Institutions) oħrajn u ma' istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp (DFIs, development finance institutions) tal-Istati Membri tal-UE tvarja minn djalogu dwar kwistjonijiet istituzzjonali u kwistjonijiet tematiċi għall-kofinanzjament tal-operazzjonijiet u l-kondiviżjoni ta' ħidma teknika rilevanti.

Fl-2019, il-BEI kkofinanzja sitt operazzjoni flimkien mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) għal total ta' EUR 888 miljun. Erba' proġetti ġew ikkofinanzjati mal-Grupp AFD (Franza) u tnejn mal-Grupp KfW (Ġermanja). Barra minn hekk, sitt proġetti ġew ikkofinanzjati mal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (IBRD, International Bank for Reconstruction and Development), parti mill-Grupp tal-Bank Dinji. Il-BEI, l-AFD u l-KfW komplew jikkooperaw mill-qrib ukoll fil-kuntest tal-Inizjattiva ta' Dipendenza Reċiproka (MRI, Mutual Reliance Initiative). Immedija fl-2013, l-MRI tottimizza u tiffaċilita l-iżborż ta' kofinanzjament lill-benefiċjarji billi sserraħ fuq wieħed mit-tliet sħab li jassumi r-rwol ta' finanzjatur prinċipali għal ċerti kompiti relatati mal-proġett, eż. partijiet tad-diliġenza dovuta rigward il-proġetti jew tas-superviżjoni tal-għoti ta' kuntratti. Il-korpi tat-tmexxija u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-sħab tal-MRI saru midħla tad-dokumenti mħejjija minn istituzzjoni oħra li huma jużaw għad-deċiżjonijiet tagħhom stess. B'mod ġenerali fl-2019, ġew iffirmati 24 proġett ikkofinanzjat fir-reġjuni tal-ELM.

Ċart 4: Kofinanzjament ta' proġetti tal-BEI li ġew iffirmati fl-2019 mill-IFIs u mid-DFIs (EUR miljun)



Nota: L-ammonti li għandhom jiġu kofinanzjati minn IFIs u DFIs oħra huma purament indikattivi, abbażi ta' stimi mwettqa fl-istadji bikrija tal-iżvilupp tal-proġett. Għaċ-ċarezza, l-imsieħba jinkludu: BERŻ (Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni tal-Iżvilupp), Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (IBRD), Agence Française de Développement (AFD), KfW, Bank Asjatiku tal-Investment fl-Infrastruttura (AIIB), Bank Asjatiku tal-Iżvilupp (ADB), Aġenzija ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Ġappun (JICA), Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu (IFAD), Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp (IDA).